**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 702/97

John Paul Attard

vs

Il-Kummissarju tal-Pulizija

Illum 6 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament wara Settembru 1987 sofra ingustizzja billi gie mcahhad talba ghat-trasferiment tieghu;

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn;

Illi hu dahal fil-korp tal-Pulizija fl-1986 u fid-data msemmija talab trasferiment ghal Ghawdex billi kien gharus tfajla Ghawdxija li llum hija martu;

Nonostante li ma kien hemm ebda impediment waqt li haddiehor gie trasferit, it-transfer tieghu ma sehhx u kellu jabbanduna dar in-kostruzzjoni li kellu Ghawdex u gie joqghod Malta;

Meta huwa lahaq grad ta' surgent huwa gie mwieghed li ser jigi ttrasferit ghal Ghawdex izda t-transfer tieghu xorta ma sehhx u min gie warajh fl-ezami gie ttrasferit Ghawdex qablu;

Fil-1992 huwa telaq mill-korp minhabba dawn il-fatti msemmija;

Fil-1994 wara li l-ewwel talba tieghu giet michuda huwa ddahhal fil-korp fil-grad ta' surgent u gie posted Ghawdex.

Illi hu kien fi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda ndikati fl-elenku li jindika wkoll il-fatti li ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi kkordat kumpens li ma jeccedix is-somma ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

Illi dwar l-ewwel ilment jigifieri meta fl-1986 meta kien gharus Ghawdxija ma kienx gie trasferit ghall-Ghawdex irid jinghad li precedenza ghall-trasferimenti ghall-Ghawdex hija ta’ dawk il-membri tal-Korp li huwa Ghawdxin u jghixu Ghawdex jew membri tal-Korp Maltin li b’mod permanenti huma residenti Ghawdex.

Illi irid jinghad li r-rikorrent kellu r-residenza tieghu Malta.

Illi dwar it-tieni ilment, jigifieri dwar il-weghda li jigi trasferit ghal Ghawdex irid jinghad li t-trasferimenti ghall-Ghawdex jinghataw bil-manjieri kif gia spjegat.

Illi fil-kaz tar-rikorrent huwa kien jibda jikkwalifika biex jigi trasferit ghal Ghawdex minn meta jibda jirrisjedi Ghawdex u jinforma lill-awtoritajiet b’dan.

Illi irid jinghad li r-rikorrent kien telaq mill-Pulizija peress li kien sab xoghol iehor.

Illi dwar it-talba tieghu sabiex jigi reinstated fil-Korp irid jinghad li l-ewwel talba tieghu ta’ l-4 ta’ Settembru 1993 giet irriffjutata.

Illi talba ohra data 20 ta’ Novembru 1993 sabiex l-ewwel talba tigi re-ikkonsidrata kienet giet approvata u peress li hu kien b’mod permanenti joqghod Ghawdex gie posted Ghawdex.

Illi minn rajh, ir-rikorrent ghal darba ohra ghazel li jitlaq mill-Korp tal-Pulizija fl-4 ta' Jannar 1996.

Ghaldaqstant l-intimat talab li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent stante li huwa ma sofra l-ebda eskluzjoni indebita jew ingustizzja ohra fil-konfront tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija u zied li kien membru tal-Korp tal-Pulizija fil-grad ta' Kuntistabbli u stazzjonat fil-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija. Ftit zmien wara l-Elezzjoni Generali ta' Mejju 1987 talab bil-miktub, lill-ispettur tieghu Peter Paul Zammit, sabiex jigi trasferit lejn Ghawdex, fejn semma li fi hsiebu li jmur joqghod Ghawdex madwar sentejn wara, u dan peress li ried jibni d-dar fejn joqghod fuq plot numru 7, fi Triq il-Mithna z-Zebbug, Ghawdex. Semma li hadd ma infurmah dwar il-policy ghat-trasferimenti. Zmien wara cemplulu u qalulu li t-talba tieghu giet michuda. Sadanittant ftit xhur wara li t-talba tieghu ma gietx milqugha, s-superintendent

inkarigat minn Ghawdex, kien baghat f'Malta xi ufficjali tal-pulizja, sabiex jitharrgu bhala Scene of the Crime Officers, u jaghmlu l-istess xoghol f'Ghawdex, meta hu kien gja kwalifikat f'hekk. Sadanittant, fil-korp bdew dehlin rekluti godda fosthom Ghawdxin u bdew isibu posthom f'Ghawdex wara min imisshom. Sintendi kollha ghamlu t-talba warajh u kollha dahlu fil-korp warajh.

Ma kellux triq ohra x'jaghmel hlief li jibqa' Malta. Baqa' dejjem stazzjonat fil-Laboratorju Forensiku u wara certu zmien bdiet tizdiedlu dipressjoni li hakmitu, kif ukoll lil martu. Spicca ghall-kura ghand psikjatra. Ghamel diversi talbiet sabiex jigi ttrasferit fosthom ghat-traffic, Vice Squad, CID u dawn dejjem gew irrifjutati. Ghadda aktar zmien madwar is-sena 1991, wara li sar ezami kompettitiv, lehaq grad ta' surgent. Mieghu ghamlu l-ezami kuntistabblijiet Ghawdxin. F'dan l-ezami gie minn ta' quddiem nett. Ezatt malli lehaq surgent mar ghand l-Ispettur Ronald Kelly, li dak iz-zmien kien stazzjonat fil-personnel u talbu sabiex jerga tigi kkunsidrata t-talba tieghu. Dan kien qallu li skond l-order of merit, bi dritt kellu jinzel l-ewwel lejn Ghawdex. Izda wara qallu li ta' fuqu nfurmawh li l-ewwel jinzlu l-Ghawdxin.

Sostna li l-ufficjali ta' dak iz-zmien ghamlu minn kollox sabiex lilu jfarrkuh. Semma xi incidenti u li wara dawn l-affarijiet kollha li graw f'perjodu verament vicin xulxin, iddecida li jitlaq mill-Korp. F'Ottubru tal-1991 mar jahdem mal-kumpanija ELMO Insurance, bhala claims negotiator.

Zied li darba fuq il-vapur lejn Malta, kien iltaqa mall-Kummissarju George Grech, u talbu sabiex jerga jidhol fil-korp, peress li sar jaf li f'Ghawdex kien hemm in-nuqqas tas-surgenti. Dan kien accetta b'qalbu kollha. L-ewwel talba li ghamel waqfet ghand l-assistent kummissarju Joe Gauci. Dan pront baghtlu lura li t-talba tieghu "has not been acceded to". Imbaghad mar kellem membru parlamentari, u dan cempillu quddiemi. It-telefon kien speaker u l-Kummissarju stqarr li l-anqas biss kienet waslet ghandu l-ittra. Talbu jaghmel ohra, u jehodielu "BY HAND" dan il-membru parlamentari. Wara xi xhur, dahal fil-pulizija u l-Kummissarju George Grech, nizzlu Ghawdex dak inhar stess li ha il-gurament.

Meta kien stazzjonat Ghawdex bhala surgent, talab kemm il-darba sabiex jaghmel ix-xoghol ta' scene of the crime izda t-talba tieghu ma gietx milqugha.

Fix-xhieda tieghu semma li lilu hadd ma nfurmah li effettivament biex tkun fuq lista tan-nies li jmorru Ghawdex trid tkun qed tirrisjedi Ghawdex ghax qal li kieku xi hadd qallu kien jaqbad u jbiddel l-I.D. Card tieghu. Kien hemm nies li applikaw warajh u waslu qablu u ghalhekk huwa l-ilment tieghu. Semma li l-maggur li kien hemm flok is-Supt. Kelly kien jghidlu li ghax hekk u ma qallux aktar. It-talba tieghu biex imur Ghawdex ma hassarha qatt.

Xehed is-Suprintendent Ronald Kelly li kellu l-impressjoni li xi l-1987, 1988 ir-rikorrent kien ghamel talba bil-miktub lill-Kummissarju biex peress li huwa kien sejjer zmien wara jizzewweg Ghawdxija u jirrisjedi Ghawdex, hu jigi trasferit ghal

Ghawdex. Semma li jista' jixhed dwar il-procedura. Din kienet li n-nies li joqghodu Ghawdex jitpoggew f` lista ta' seniority ta' kategorija rispettiva li jkunu jokkupaw ta' kariga u meta tinholoq vakanza din tigi mimlija ma' dik il-lista ta' seniority li jkun hemm dejjem naturalment fir-rank in kwistjoni applikabbli. Persuna tkun eligiblli biex tmur Ghawdex minn meta tmur toqghod Ghawdex u mhux meta jkollha l-intenzjoni li tibda tmur Ghawdex.

Kellu l-impressjoni li tkellem mar-rikorrent izda ma jiftakarx jekk dan kienx b' mod formali. Semma li mar il-personnel wara l-1990' s u ghalhekk seta' jkellem lir-rikorrent dwar din il-procedura wara l-1990' s. Meta ghamel it-talba originarjament fl-1987 hu kien jirrisjedi Malta. Minn meta kien gie re-instated fil-Korp tal-Pulizija u kien hemm post vakant bhala Surgent f` Ghawdex, mill-ewwel gie re-instated Ghawdex u beda x-xoghol Ghawdex. Dan kien wara li gie re-instated fuq talba tieghu u dan gie approved u mill-ewwel mar Ghawdex.

Biex wiehed ikun eligibbli jmur Ghawdex irid ikun joqghod Ghawdex, jintefa' f' seniority list u dik tigi osservata b' serjeta` kbira ghax immagina l-Ghawdxin wiehed jaqbez lill-iehor u jkollok konfuzjoni. Imorru Ghawdex skond ir-rank u mhux skond ir-request. Jekk inti Surgent tintefa' fis-seniority list tas-Surgenti u jekk tkun Kuntistabbli tintefa' fis-seniority tal-Kuntistabblijiet. John Paul kien ghamel talba, kien ghadu kuntistabbli, biex imur joqghod Ghawdex ghax qal li sentejn ohra ha jkun joqghod Ghawdex. Biex nibdew biex l-Ispettur immedjat tieghu li kien dak iz-zmien l-Ispettur Pietru Pawl Zammit kien sab id-diffikulta` li

dan ha jonqoslu wiehed mill-unit tieghu. Minn barra minn hekk id-decizjoni tieghu li jmur Ghawdex ma kenitx giet accettata ukoll skond minuta tas-Sur Nikol Cutajar ghal-zewg ragunijiet, number one ghal li John Paul kien ghadu gej minn kors barra minn Malta u kien marbut li jahdem fil-laboratorju ghal certu zmien ghax ikollu jhallas somma u number two kien qal li mhux fair li jekk John Paul jintefa' fis-seniority list jkun fin-numru 47 u s-Sur Cutajar qal mhux fair li l-46 ta' qablu li hu jaqbizhom li jmur Ghawdex ghax sentejn ohra ha jmur Ghawdex. Meta John Paul tpogga fis-seniority list meta talab hu kien il-47th person. Qablu kien hemm 46 u s-Sur Cutajar irraguna, u fil-fatt irraguna sewwa, li mhux fair li John Paul ghax sejjer joqghod sentejn ohra Ghawdex, is-46 ta' qablu jigu maqbuza.

Semma li din hija policy li kullhadd jafha u ilha gejja zmien twil hafna u dejjem inzammet hekk pero` ma jafx li qieghda f' xi dokument pubblikat.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li meta r-rikorrent kien ghadu kuntistabbli, izda jirrisjedi Malta kien ghamel talba biex jigi trasferit ghal Ghawdex. Irrizulta li kien hemm 47 qablu. Biex wiehed ikun eligibbli jmur Ghawdex irid ikun joqghod Ghawdex, [mhux ikollu l-intenzjoni li jmur joqghod Ghawdex] jintefa' f' seniority list u dik tigi osservata b' serjeta` kbira. Imorru Ghawdex skond ir-rank u mhux skond ir-request. Din hija policy li kullhadd jafha u ilha gejja zmien twil hafna u dejjem inzammet hekk pero` mhux qedgha f' xi dokument pubblikat.

Fil-kaz tar-rikorrent l-Ispettur immedjat kien sab id-diffikulta` li dan ha jonqoslu wiehed mill-unit tieghu. Ukoll ir-rikorrent kien ghadu gej minn kors barra minn Malta u kien marbut li jahdem fil-laboratorju ghal certu zmien ghax ikollu jhallas somma.

Dan it-Tribunal ma jista' jsib xejn li jammonta ghal ingustizzja f'dan kollu. L-ewwel nett ma jidhirx li l-policy uzata kienet hazina u kieku stess kienet ila tintuza fil-konfront ta' kulhadd. Il-fatt li policy regolari ma kienx jaf biha r-rikorrent mhix raguni valida biex wiehed jsostni li saret ingustizzja.

Ukoll meta rega' dahal fil-korp mill-ewwel gie posted Ghawdex u ghalhekk hawn ukoll ma rrizultat ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.